*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*
*73, ST. MARY STREET*
*TARXIEN. TXN 1704*
*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email :- tarxien.lc@gov.mt*

Kunsill Lokali – Ħal Tarxien – Local Council

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Tarxien

IT-TMIEN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 44**

It-Tlieta 14 ta' Gunju 2022

Il-Kunsill Lokali Ħal Tarxien iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 73, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien TXN1704, fis- 5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Joseph Abela Galea – Sindku
Darlene Vella Zammit – Vici Sindku
Neil Portelli – Kunsillier
Thomas Debattista – Kunsillier
Christian Pace – Kunsillier
Ismael Dalli – Kunsillier
Anabelle Marmara' – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **44.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 44.1.1 | Il-Laqgha tal-Kunsill Lokali bdiet fis-6.00pm ghax ma kienx hemm *quorum*. |
| **44.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 44.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti nnumerata 43, tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ttieħdu bħala moqrija. |
| 44.2.2 | Is- Sa Anabelle Marmara' pproponiet u s- Sa Darlene Vella Zammit ssekondat il-minuti tas-Seduta nnumerata 43 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **44.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| 44.3.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsillera li attenda l-quddiesa tal-Ħadd tal-festa u anke l-attivita` tal-pjancier. Is-Sa Darlene Vella Zammit infurmat lill-Kunsill li darba ohra l-Arcipriet kellu jkun infurmat min se jattendi sabiex il-Kunsilliera jkunu bilqieghda hdejn xulxin skond il-protokol tal-Kunsill. Is-Sa Darlene Vella Zammit qalet li l-inviti ghandhom jintbghatu lis-Segretarju Ezekuttiv u min ikun se jattendi javza l-Kunsill sabiex is-Segretarju Ezekuttiv jinforma l-ghaqdiet u l-Arcipriet. Is-Sa Darlene Vella Zammit infurmat lis-Sindku li ngibditila l-attenzjoni li l-Ħadd tal-festa, hu ghajjat lill- Ministru sabiex ipoggi hdejh fuq il-bank tal-knisja u ma kienx hemm post ghall-Kunsilliera. Is-Sindku informa lis-Sa Darlene Vella Zammit sabiex tirtira dak li qalet la ma ghandiex provi nkella kien se jwaqqaf il-laqgha. Is-Sa Darlene Vella Zammit irtirat li qalet u nfurmat lill-Kunsill li se tipprova ggib l-evidenza. |
| 44.3.2 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li ngabbru l-kwotazzjonijiet u sar kuntratt gdid tal-gardinar ghall-sena. |
| 44.3.3 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li *Infrastructure* Malta se tkun qed taghmel l-*asphalt* fi Triq Santa Marija, Triq il-Blata u Triq San Bert. |
| 44.3.4 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera nhar l-24 ta` Mejju l-bandisti li daqqu fil-festa inaghtaw x` jixorbu mill-Kunsill u l-kumitat gie mistieden fil-binja tal-Kunsill. Is-Sindku qal li se jsir l-istess lejliet il-festa tal-Madonna tad-Duttrina. |
| 44.3.5 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li se jinkera van fil-granet tal-festa tad-Duttrina ghall-meta jkunu maghluqa t-toroq. Is-Sindku qal li dan il-van se jkun qed iwassal ir-residenti minn Ħal Tarxien ghar-Rahal Gdid bhal ma sar fil-festa tal-Madonna tal-Lunzjata. |
| **44.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** |
| 44.4.1 | Is-Sur Christian Pace staqsa "X'inhi ir-raguni li il-ground tal- 5 aside qed jintuza bhala post fejn fih jintremew xi affarijiet li is-soltu jingabru mill-bulky refuse u huwa vera li in-nies qed jigu jarmu fil-van tal- Kunsill? Se jsir xi haga biex dan l'abbuz jinqatgha?" |

| | |
|---|---|
| | Is-Sindku nforma lill-Kunsill l-vann se ssirlu ncirata sabiex jinqatgha l-abbuz li jarmu fih in-nies u l-5 aside se jibda`jinzamm nadif bla skart. |
| **44.5** | **Rapporti** |
| 44.5.1 | Is-Sindku prezenta r-*Representation Letter* tal-awdituri u l-*audited Financial Statements* ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti r-*Representation Letter* u l-*audited Financial Statements* gew approvati. |
| 44.5.2 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li waslet id-*draft tal-Management Letter* mill-Awdituri u talab lis-Segretarju Ezekuttiv jispjega. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien hemm kambjament pozittiv u huwa mportanti li l-hidma tkompli sabiex in-nuqqasijiet fil-*Management Letter* ikomplu jitrangaw. Is-Segretarju Ezekuttiv prezenta r-risposti ghall-*Management Letter* u s-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsilliera. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti l-*Management Letter reply* giet approvata. |
| 44.5.3 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv attanda attivita` tal-*Wasteserv* fejn il-Kunsill rebah it-tielet post fil-*Waste Management* u se tinaghta s-somma ta` 2,000Euro. Is-Sindku ppropona li jinxtraw *pots* u pjanti ghall-isqaqien. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ma` nstabet l-ebda` oggezzjoni f`dan ir-rigward. |
| 44.5.4 | Il-Kunsillier is-Sur Christian Pace ppropona li s-sena d-diehla tinzamm laqgha mal-pulizija flimkien mall-Kunsill qabel ma jigi deciz x` toroq se jkunu ha jinghalqu fi zmien il-festi tal-lokalita`. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ma nstabet l-ebda` oggezzjoni f`dan ir-rigward. |
| 44.5.5 | Il-Vici Sindku s-Sa Darlene Vella Zammit proponiet li tigi nstallata *data track* fuq it-trakk tax-xoghol kif ukoll fuq il-vann tal-elettriku li se jkollu l-Kunsill. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ma` nstabet l-ebda` oggezzjoni f`dan ir-rigward. |
| 44.5.6 | Il-Vici Sindku s-Sa Darlene Vella Zammit proponiet li tkellem lill-Ministeru koncernat mill-LEAP sabiex il-kaxxi tal-ikel jibqghu jigu pprovduti mill-lokalita` stess u s-servizz jinaghta mir-*Reach Out Centre – Community Hall*. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ma` nstabet l-ebda` oggezzjoni f`dan ir-rigward. |
| 44.5.7 | Il-Vici Sindku s-Sa Darlene Vella Zammit infurmat lill-Kunsilliera li l-attivita` li ghamlet fuq l-*Active Aging* intlaqghat tajjeb hafna mir-residenti u fil-Gimghat li gejjin se tkun qed torganizza attivita` ohra fuq *bullying*. |
| 44.5.8 | Il-Vici Sindku s-Sa Darlene Vella Zammit stqsiet lis-Sindku kif tabelli f`Kurunell Mas gew installati minghajr il-permess taghha. Is-Sindku wiegeb li t-tabelli ma` gewx installati minn naha tal-Kunsill. Il-Vici Sindku nfurmat lill-Kunsill li se tkun qed titkellem ma` *Transport* Malta f` dan ir-rigward. |

| | |
|---|---|
| 44.5.9 | Il-Kunsillier s-Sur Christian Pace informa lill-Kunsill li Triq Dun Karm Sant fejn sar xoghol ta` dranagg mill-*Water Services* ghadu ma` sarx bl-*asphalt* kif suppost. Il-Kunsillier is-Sur Thomas Debattista talab li tmur il-Perita sabiex tara kif sar ix-xoghol. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ma`nstabet l-ebda oggezzjoni f`dan ir-rigward. |
| 44.5.10 | Il-Vici Sindku s-Sa Darlene Vella Zammit talbet lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex tinaghta rendikont ta` nfiq li jsir kull xahar fuq id-dekasteru taghha tat-Trasport. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ma`nstabet l-ebda oggezzjoni f`dan ir-rigward. |
| 44.5.11 | Il-Vici Sindku s-Sa Darlene Vella Zammit infurmat lill-Kunsilliera prezenti li Triq Ħal Gharrat jehtieg li ssir bankina quddiem garaxx partikolari. Is-Sindku wiegeb li l-quddiem it-Triq u l-bankina se jkunu qed isiru minn *Infrastructure* Malta. |
| 44.5.12 | Il-Vici Sindku s-Sa Darlene Vella Zammit prezentat lista ta` xogholijiet tad-dekasteru tat-Trasport lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex isiru mill-haddiema assenjati fil-jiem li gejjijn. |
| 44.5.13 | Il-Vici Sindku s-Sa Darlene Vella Zammit staqsiet lis-Sindku sabiex jinzebah bank f` Misrah is-Suq. Is-Sindku wiegeb li l-bankijiet f din l-akwata se jinzebghu kollha. |
| 44.5.14 | Il-Vici Sindku s-Sa Darlene Vella Zammit staqsiet lill-Kunsilliera jekk jaqblux li jinhareg *Tender* ghas-sena d-diehla li jkopri t-tabelli u s-sinjali, zebgha tal-art u ismijiet tat-toroq li ghandhom bzonn jinbidlu. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ma` nstabet l-ebda oggezzjoni f`dan ir-rigward. |
| **44.6** | **Mozzjonijiet** |
| 44.6.1 | Ma kienx hemm. |
| **44.7** | **Sejhiet ghall-offerti** |
| 44.7.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li llum infetah it-*Tender* ta` Gnien Joanne li jinkludi l-bandli u l-kurduna u hemm tlitt bidders. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li se ssir l-evalwazzjoni tieghu fil-jiem li gejjijn. |
| 44.7.2 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li llum infetah it-*Tender* tal-*Palk* u s-siggijiet ta` Gnien Joanne imma ma kien hemm l-ebda` bidder ghaldaqstant it-*Tender* se jkollu jerga` jigi ppublikat. |
| **44.8** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti** |
| 44.8.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali s-skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 36/08) flimkien mal-lista tal- *petty cash* maħruġ matul ix-xahar ta' Mejju / Gunju 2022 għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |



*MAYOR - JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR - DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS - NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY - EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| 44.8.2 | Fuq mozzjoni tas- Sur Christian Pace ssekondatat mis- Sur Neil Portelli l-Kunsill Lokali unanimament approva l-listi li huma annessi u li jifformaw parti minn dawn il-minuti. |
| **44.9** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 44.9.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-19.15p.m. wara li giet ezawrita l-Agenda u giet aggornata ghal nhar il- Ħamis 14 ta' Lulju 2022 fil-5:30p.m. |

Konfermati, illum 14 ta' Gunju 2022.

**Joseph Abela Galea**
Sindku

**Emma Vella**
Segretarju Eżekuttiv